Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Avviz Numru: 255/2014

**Gerges Nadi Saad Fadil** **(appellant)**

**Vs**

**George Morris Salmon** **(appellat)**

7 ta’ Ottubru 2016.

L-attur harrek lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta’ €3,000, ammont li jsostni li ta lill-konvenut sabiex jiddepozitahom bhala garanzija fil-proceduri li l-attur kellu quddiem l-Immigration Appeals Board.

Fis-sentenza mertu tal-appell odjern it-Tribunal iddecieda:

*"14. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li:*

*i. Jilqa l-eccezzjonijiet mressqa mill-intimat ghar-rigward tat-talba principali tar-rikorrenti u konsegwentement jichad it-talba tar-rikorrenti;*

*ii. Jichad l-eccezzjonijiet mqanqla mir-rikorrenti fir-rigward tal-kontro-talba ta’ l-intimat in kwantu dawn huma nkompatibbli ma’ dak hawn fuq deciz u konsegwentement qieghed jilqa l-kontrotalba ta’ l-intimat, kif ridotta, u jikkundanna lir-rikorrenti sabiex ihallas lill-intimat s-somma ta’ hames mitt euro (€500) kif mitlub, bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mit-13 ta’ Mejju, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.*

*L-ispejjez kemm tat-talba u kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mir-rikorrenti."*

L-attur harrek lill-konvenut sabiex ihallsu lura s-somma ta’ tlett elef ewro (€3,000) li qal li tah sabiex ikun jista’ jiddepozitaha bhala garanzija ma’ l-*Immigration Appeals Board*. Il-konvenut ikkontesta din il-verzjoni u jsostni li kien hu li sellef lill-attur l-ammont ta’ elfejn euro (€2,000), *"sabiex dan ikun jista jhallas il-garanzija tieghu mitluba mill-Immigration Appeals Board, u anki kien il-konvenut innifsu illi mar personalment quddiem il-Bord sabiex ihallas l-ammont".* Il-konvenut isostni li hu ssellef l-ammont minghand certu Daniel Galea, habib tieghu, sabiex ihallas il-garanzija tal-attur.

L-appell tal-attur hu bazat fuq apprezzament tal-provi. L-attur qieghed isostni li:

i. Is-self li ha l-konvenut minghand Daniel Galea kien ghal bzonnijiet legali/kawzi li kellu l-konvenut, bhal meta gie akkuzat il-qorti dwar serq f'Awissu 2011 (ara sentenza **Pulizija vs George Morris Samhon** tal-4 ta' Awissu 2011).
ii. Il-konvenut ressaq bhala xhieda lil Gaser Salman Darman u Ali Mahmoud Jaser. Ghalkemm it-Tribunal ordna li jitressqu bhala xhieda l-persuni li ssemmew fid-deposizzjoni ta' dawn il-persuni, il-konvenut ma ressaqhomx bhala xhieda ghaliex ma kienx jaqbillu.
iii. L-affidavit tal-konvenut hu mimli nvenzjonijiet.
iv. Dak li xehedet mart il-konvenut, Vanessa Samhon xebba Attard, hu fil-parti l-kbira tieghu detto del detto. Inoltre t-Tribunal kien zbaljat meta qal li meta x-xhud qalet, *"mhu veru xejn li Gergis Nadi Saad Fadil ma sellef ebda flus lil George Morris Samhom..."* kien zball ta' dicitura.
v. L-allegazzjonijiet tal-konvenut ma kellhom qatt jitwemnu.

Ghal dak li jirrigwarda apprezzament tal-provi, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Phyllis Ebejer vs Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li *'il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li, *'Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.*

Fl-ewwel lok l-attur kellu l-oneru li jaghti prova li probabilment kien ta lill-konvenut is-somma ta' €3,000 sabiex tintuza bhala depozitu biex jinghata l-helsien mill-arrest fil-proceduri li kellu pendenti quddiem l-Immigration Appeals Board. Hu evidenti li l-provi li ressaq ma ssodisfawx lit-Tribunal. Ahmed Omar Walid kien ix-xhud principali tal-attur li qal li kien sellfu s-somma ta' €3,500 sabiex ikun jista' jaghti l-garanzija fil-proceduri li kellu quddiem l-Immigration Appeals Board. Qal li l-flus sellifhomlu fis-7 ta' Mejju 2013. Zied ighid:

*"Ir-rikorrenti lili kien qalli li ghalxejn naghti l-flus lilu imma kelli jiena nghaddihom lill-intimat George Morris Samhon. Ir-rikorrenti lili kien qalli illi l-pledge kien ta' elfejn ewro (€2,000). Qalli illi l-Avukat kien ser izomm hames mija (500) u l-intimat talli kien ser jaghmillu garanzija ghal pledge kien ser izommlu elf ewro (1,000) u dawn il-flus tal-elf ewro (€1,000) kienu jintuzaw illi f'kaz ir-rikorrenti kien jispicca l-habs. Jiena offrejt lir-rikorrenti li stajt naghmel din il-bicca xoghol jiena u ma kellux ghalfejn joqghod ighaddi elf ewro (€1,000) lill-intimat"* (fol. 31).

Il-qorti tosserva:

i. L-attur qatt ma xehed li l-€1,000 kienu hlas dovut lill-konvenut. Fl-avviz tat-talba l-attur iddikjara li s-somma ta €3,000 kellha tigi depozitata bhala garanzija;

ii. Ix-xhud l-ewwel qal li l-€1,000 kienu hlas lill-konvenut u mbaghad fl-istess nifs qal li dik is-somma kellha taghmel tajjeb ghal bzonnijiet tal-attur jekk jispicca l-habs. Hemm ghalhekk nuqqas ta' konsistenza;

iii. Ghall-qorti m'huwiex verosimili li l-attur kien ser ihallas kumpens ta' €1,000 lill-konvenut jekk kif qal ix-xhud offra lill-attur li jmur ihallaslu l-garanzija u ma jippretendix kumpens.

iv. Ix-xhud ipprezenta wkoll sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn il-konvenut kien instab hati ta' serq. Il-qorti ma tifhimx kif ix-xhud, li suppost ma kellu l-ebda nteress personali fil-kawza, jipprezenta minn jeddu prova biex jattakka l-kredibilita' tal-konvenut.

Maghmul dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti hi tal-fehma li x-xhud Ahmed Omar Walid m'huwiex kredibbli.

Il-qorti tosserva wkoll:

i. Dak li xehedu Salman Darman Gaser u Ali Mahmud Jaser hu ghal kollox irrilevanti gialadarba xehedu fuq dak li suppost qalilhom haddiehor, u dawn it-terzi ma tressqux bhala xhieda.

ii. L-attur isostni li l-konvenut qatt ma sejjahlu sabiex ihallsu lura xi flus peress li qatt ma ssellef flus. Fl-ewwel lok l-€2,000 kienu garanzija li l-konvenut iddepozita fl-Immigration Appeals Board sabiex l-attur inghata l-helsien mill-arrest. Il-flus kienu u baqghu tal-konvenut u ghalhekk ma kienx hemm lok li jinterpellah ghalihom.

iii. Il-qorti ma tara l-ebda konnessjoni bejn is-self li ha l-konvenut minghand Daniel Galea fit-23 ta' Mejju 2013 (fol. 13) u s-sentenza **Il-Pulizija vs George Morris Samhon** tal-4 ta' Awissu 2011 li l-attur ghamel riferenza ghaliha f'paragrafu 11 tar-rikors tal-appell.

iv. Hu minnu li f'affidavit Vanessa Morris Samhom xehedet (fol. 57): *"9. **Illi mhu veru xejn li Gergis Nadi Saad Fadil ma sellef ebda flus lil George Morris Samhom**, u naf ukoll li Gergis Nadi Saad Fadil ha ghaliha ghax George Morris Samhom talab li jiehu lura l-flus tal-plegg meta George Morris Samhom waqaf jafda lil Gergis Nadi Saad Fadil."* Ghall-qorti hu evidenti li hemm zball tal-pinna. Mill-kumplament tas-sentenza u tal-affidavit hu evidenti li l-verzjoni tax-xhud kienet li l-flus tal-garanzija ghamel tajjeb ghalihom il-konvenut bi flusu.

v. Meta tqies dak li xehedu Daniel Galea u Vanessa Morris Samhom[1] kif ukoll id-dokument a fol. 12 (Dok. A)[2], it-Tribunal kellu bizzejjed provi biex jasal ghal konkluzjoni li wasal ghaliha. Sahansitra d-difensur li kien qieghed jassisti lill-attur fil-proceduri quddiem l-Immigration Appeals Board, xehed

---

[1] Xhud li lanqas biss sarilha kontro-ezami.

[2] Dokument mahrug mill-Immigration Appeal Board fejn hemm konfermat li d-depozitu ta' €2,000 sar mill-konvenut.

li kien ircieva l-hlas ta' €500 ghas-servizz tieghu minghand il-konvenut. Indizju iehor favur il-verzjoni tal-konvenut.

vi. Bhat-Tribunal il-qorti ssibha difficli temmen li l-attur issellef il-flus personalment minghand terza persuna u mbaghad tahom lill-konvenut biex jiddepozitahom ghall-helsien mill-arrest. Fl-avviz tat-talba l-attur iddikjara li l-konvenut kien ikkonvincih li *".... kellu jkun terz li jmur personalment jaghmel tali depozitu u mhux l-appellant* (recte, l-attur) *stess..."* Dan meta l-attur kien assistit minn avukat u ghalhekk jaghmel iktar sens li dwar il-helsien mill-arrest u depozitu jitlob il-parir tal-avukat Caruana Curran.

vii. Hu evidenti li b'dak li ddikjara fl-avviz tat-talba l-attur jallega li l-konvenut sa mill-bidunett kien in *mala fede*. Il-helsien mill-arrest inghata f'Mejju 2013. Jekk il-verzjoni tal-attur hi vera u l-konvenut sa mill-bidunett kellu l-intenzjoni li jahtaf il-flus ghalih, probabilment ma kienx ser jistenna kwazi sena qabel jitlob lill-Immigration Appeals Board sabiex jatih lura l-flus.

**<u>Konkluzjoni</u>**: wara li l-qorti rat l-atti tikkonkludi li m'hemmx bazi sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamel it-Tribunal.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-attur.**

Anthony Ellul.